# il-Gżejjer

Is-Sittax-il Sena 1/87

# IL-PARTIT NAZZJONALISTA REBAĦ L-ELEZZJONI 1987



L-Onor. Dott. Eddie Fenech Adami jidher jieħu l-ġurament tal-ħatra ta' Prim Ministru għand l-Aġent President tar-Repubblika s-Sur Paul Xuereb fil-Palazz ta' San Anton.

# KISEB 50·91% TAL-VOTI MITFUGĦA

**IL-PARTIT Nazzjonalista rebaħ l-elezzjonijiet ġenerali li saru fid-9 ta' Mejju 1987 b'maġġoranza ta' voti fuq il-Malta Labour Party, wara li f'Jannar li għadda saru emendi fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta li bihom, il-partit li jikseb aktar minn 50 fil-mija u wieħed tal-voti awtomatikament jingħata aktar siġġijiet sakemm ikollu maġġoranza ta' siġġu fuq il-partit l-ieħor. Fil-fatt, il-Partit Nazzjonalista kiseb 50.91 fil-mija tal-voti mitfugħa fl-elezzjonijiet ġenerali.**

L-elezzjonijiet f'Malta huma regolati mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Ordinanza Elettorali li jipprovdu għal Kummissjoni Elettorali u għal mekkaniżmu u arranġamenti oħra biex jinżammu elezzjonijiet imparzjali. Is-sistema li toħroġ mill-Kostituzzjoni biex jingħażlu l-membri tal-Parlament hi s-sistema ta' Rappreżentanza Proporzjonali.

Il-partiti li kkontestaw l-elezzjonijiet 1987 kienu: il-Malta

*(Ikompli f'paġna 6)*

**Profil**

# IL-PRIM MINISTRU EDDIE FENECH ADAMI

IL-PRIM Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami, iben il-mejtin Luigi u Josephine neè Pace, twieled Birkirkara fis-7 ta' Frar 1934. Hu ħa l-edukazzjoni fil-kulleġġ San Alwiġi u fl-Università Rjali ta' Malta minnfejn iggradwa bħala avukat fl-età ta' 24 sena.

Eddie Fenech Adami daħal fil-politika fl-1961, ikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali ta' l-1962 u l-1966 u ġie kowoptjat fil-Parlament fl-1969 wara l-mewt ta' Membru Parlamentari Nazzjonalista. Hu ġie elett fil-Parlament fl-1976 u l-1981. Din is-sena ġie ri-elett minn żewġ distretti elettorali. Bejn l-1971 u l-1977 kien il-kelliem tal-Partit Nazzjonalista fuq ix-xogħol u s-servizzi soċjali.

L-Avukat Eddie Fenech Adami kien l-editur tal-gazzetta Nazzjonalista ta' kull ġimgħa "Il-Poplu" bejn l-1962 u l-1969. Hu ilu membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit sa mill-1961 u sa l-1975 kien Assistent Segretarju Ġenerali tal-Partit. Fl-1975 ġie elett Chairman tal-Kunsill Ġenerali tal-Partit u tal-Kunsill Amministrattiv. Fl-1977 ġie elett mexxej tal-Partit Nazzjonalista.

L-Avukat Eddie Fenech Adami kien Kap ta' l-Oppożizzjoni bejn l-1977 u l-1982 u bejn l-1983 u l-1987. Fl-Elezzjonijiet Ġenerali ta' l-1981 taħt it-tmexxija tiegħu, il-Partit Nazzjonalista rebaħ 51 fil-mija tal-vot popolari, imma ma setax isir Prim Ministru qabel reġa' rebaħ l-istess maġġoranza fl-elezzjonijiet tad-9 ta' Mejju 1987 wara li saru emendi fil-Kostituzzjoni f'Jannar ta' din is-sena. L-Avukat Fenech Adami ħa l-ġurament tal-ħatra bħala Prim Ministru fit-12 ta' Mejju 1987.

L-Avukat Fenech Adami hu miżżewweġ lil Mary neè Sciberras u għandhom ħamest itfal. Hu joqgħod f'Birkirkara.

Bħala Prim Ministru, Eddie Fenech Adami għandu wkoll ir-responsabbiltà ta' dawn is-setturi:

Forzi Armati
Ċittadinanza
Servizz Ċivili
Uffiċċju Elettorali
Wireless Telegraphy
Avjazzjoni Ċivili
Informazzjoni
Tarznari
Ippjanar u Management Ekonomiku
Statistika
Trasport Pubbliku, u
Għajnuna Teknika.

UNIVERSITY OF MALTA - MAIN LIBRARY

**FIL-PAĠNI L-OĦRA:**


- Xandira lin-Nazzjon mill-Prim Ministru – Paġna 4.
- L-Ewwel Laqgħa tal-Kabinett – Paġna 5.
- Messaġġ tal-Prim Ministru lill-Papa – Paġna 6
- Il-Membri tal-Kabinett – Paġni 7, 8 u 9.
- Segretarji Parlamentari – Paġni 10, 11 u 12.
- Konferenza Stampa mill-Prim Ministru – Paġna 14.




156370



FIL-LEJL tat-Tnejn 11 ta' Mejju 1987, meta r-riżultat ta' l-elezzjoni ġenerali wera fiċ-ċar li l-Partit Nazzjonalista kien rebaħ il-gvern, il-mexxej tal-Malta Labour Party l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici għarraf lill-Aġent President tar-Repubblika s-Sur Paul Xuereb li ċeda l-kariga ta' Prim Ministru. Ftit ħin wara, il-kap tal-Partit Nazzjonalista l-Avukat Eddie Fenech Adami ġie msejjaħ għand l-Aġent President fejn ingħata l-ġurament ta' Prim Ministru. Nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju, il-Prim Ministru Fenech Adami għamel xandira lin-nazzjon minn fuq il-mezzi kollha tax-xandir. Din ta' hawn taħt hija x-xandira sħiħa.

# XANDIRA LIN-NAZZJON MILL-PRIM MINISTRU EDDIE FENECH ADAMI

Huti Maltin u Għawdxin,

Dalgħodu mort għand il-President tar-Repubblika u ħadt il-ġurament ta' lealtà lejn ir-Repubblika ta' Malta u lejn il-Kostituzzjoni tagħha; kif ukoll il-ġurament ta' lealtà li naqdi l-inkarigu tiegħi ta' Prim Ministru skond il-kuxjenza.

Nassigurakom illi l-ħsieb tiegħi huwa li jkollna minn issa stess Gvern li sejjer ikun Gvern tal-Maltin kollha. Quddiem il-poplu Malti jiena ersaqt bil-wegħda illi nwettaq programm ta' ħidma li l-bażi ewlenija tiegħu trid tkun ir-**rikonċiljazzjoni nazzjonali** — jiġifieri li lkoll bil-fatti rridu nħossuna u nkunu lkoll flimkien aħwa Maltin u Għawdxin. Hija l-fehma tiegħi illi dak li hawn ħażin fil-pajjiż illum, dak li jrid jissewwa, ġej mill-fatt illi kellna wisq firda fl-imgħoddi. Kellna wisq firda bejn l-aħwa stess illi ma ħallitniex nikkonċentraw fuq dak illi hemm bżonn għall-ġid tal-poplu tagħna kollu kemm hu. Inwegħedkom illi l-Gvern il-ġdid, il-Gvern immexxi minni, sejjer ikun Gvern tal-Maltin kollha; sejjer ikun Gvern illi jassigura illi d-drittijiet tagħna lkoll huma l-istess; jassigura illi ħadd m'hu sejjer ibati taħt dan il-Gvern għaliex forsi jkollu ideat differenti minn ta' ħaddieħor. Nassigurakom illi dan m'huwiex Gvern illi b'xi mod sejjer iwettaq xi vendikazzjonijiet ma' xi ħadd.

Hemm bżonn illi nifhmu illi jekk il-pajjiż irid jimxi 'l quddiem kulħadd irid jagħti s-sehem tiegħu, kulħadd irid jifhem illi m'hawnx lok biex f'dan il-pajjiż inkattru l-firda illi teżisti bejnietna. Il-bieraħ il-Prim Ministru u jien — li kont għadni l-Kap ta' l-Oppożizzjoni — għamilna appell lilkom, lill-poplu Malti, biex iżżommu l-kalma; u rrid nirringrazzjakom għaliex fil-mument kruċjali waqt l-għadd tal-voti, il-pajjiż żamm ċerta kalma u allaħares ma kienx hekk. Il-kalma kompliet tinżamm anki meta sar magħruf min rebaħ. Illum sfortunatament għadhom għaddejjin fit-toroq numru ta' carcades, daqq ta' ħornijiet — irrid ingħid li wieħed jifhem il-bżonn li wieħed jesprimi l-ferħ illi jħoss — però naħseb illi diġà qegħdin nesaġeraw u nappella sabiex immedjatament dawn il-carcades jieqfu. Irrid inwissi bl-akbar serjetà illi l-Gvern immexxi minni sejjer jimxi ma' kulħadd bl-istess mod: ħadd f'pajjiżna ma jista' jikser il-liġijiet u ma jsofrix il-konsegwenzi tal-ksur tal-liġi — **IRID JIFHMU KULHADD DAN.** M'hawnx liġijiet li japplikaw biss għal supporters tal-Gvern u liġijiet li japplikaw għas-supporters ta' l-Oppożizzjoni: hawn liġijiet li japplikaw għal kulħadd u jiena diġà tajt struzzjonijiet biex jekk xi ħadd jitbellaħ u ma jimxix sewwa, ikun jaf illi jrid isofri l-konsegwenzi għall-azzjonijiet tiegħu. Irrid ngħid illi dan il-Gvern bi ħsiebu jaħdem biex iwettaq dan il-pjan ta' rikonċiljazzjoni. Dan il-Gvern irid juri bil-fatti, mil-lum stess, illi kulħadd sejjer jagħti s-sehem tiegħu — il-bżonn li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu biex il-pajjiż jerġa' jieħu r-ruħ.

Tajna idea ta' kif dan il-pajjiż jista' faċilment jibda jsib u jagħmel din ir-rikonċiljazzjoni fl-aħħar fażi sfortunatament tal-kampanja elettorali. Qed ngħid sfortunatament għaliex stajna, forsi bi ftit aktar rieda tajba minn kull naħa, insibu aktar u nimxu aktar fit-triq tal-ftehim. Rajna kif iż-żewġ Partiti fl-aħħar fażi ta' l-elezzjoni mxejna b'koperazzjoni ma' xulxin u eliminajna tista' tgħid l-inċidenti kollha li setgħu nqalgħu. Hekk irridu nkomplu; u għalhekk, nerġa' nappella jien lil kulħadd biex immedjatament jifhem kemm hemm bżonn illi

*(Ikompli f'paġna 5)*



**Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami ippresieda fuq l-ewwel laqgħa tal-Kabinett nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju. F'din laqgħa s-Sur George Borg inħatar Segretarju tal-Kabinett. Is-Sur Borg ilu fis-Servizz Ċivili għal dawn l-aħħar 36 sena u serva ukoll bħala s-Segretarju Privat ta' l-ex Prim Ministru Dr George Borg Olivier.**

# GVERN LI SE JIMXI MA' KULĦADD BL-ISTESS MOD

*(Ikompli minn paġna 4)*

nneħħu minn fostna dak kollu li jifridna.

Għaddiet l-elezzjoni, il-poplu tagħna għamel l-għażla tiegħu u llum sejjer ikollu Gvern illi jirrappreżenta l-maġġoranza tal-poplu Malti. Però irridu nifhmu li meta ngħidu Gvern li jirrappreżenta l-maġġoranza tal-poplu Malti, qegħdin ngħidu wkoll li dak il-Gvern — għax għandna u rridu li jkollna dejjem id-demokrazija f'pajjiżna — se jagħti kullstima wkoll lill-fehmiet tal-minoranza, lill-fehmiet ta' dawk illi kellhom opinjonijiet diversi mill-maġġoranza tal-poplu tagħna. Hemm bżonn illi nifhmu illi din hi d-demokrazija u nwegħedkom illi dan se jkun Gvern illi sejjer jisma' lil kulħadd u jieħu d-deċiżjonijiet f'kull qasam fl-aħjar interess tal-poplu tagħna.

Irrid fl-aħħarnett nirringrazzja l-ewwelnett lilkom, lill-Poplu Malti u Għawdxi talli wrejtu fiduċja fid-demokrazija billi mortu lkoll tivvotaw. Nirringrazzja lil kulħadd — lil dawk li vvotaw lill-Partit tiegħi, li għażlu lili biex immexxi dan il-Gvern, u nirringrazzja wkoll lil dawk li vvotaw lill-Partit l-ieħor għaliex dan huwa dritt fondamentali. U lil dawk li vvotaw lill-Partit l-ieħor nitlobhom ukoll il-koperazzjoni tagħhom għall-ġid tal-pajjiż. Nirringrazzja lil kull min kellu x'jaqsam ma' l-elezzjoni: lill-membri tal-Pulizija li żammew l-ordni, lill-membri tat-Task Force, lill-membri tal-Forzi Armati — kollha taw is-sehem tagħhom. Nirringrazzja lill-membri ta' Xandir Malta li għamlu mill-aħjar li setgħu biex il-poplu tagħna jkun jista' jsegwi bl-aħjar mod x'kien qed jiġri waqt l-għadd tal-voti. Kienet il-koperazzjoni tagħna lkoll illi wasslitna biex kellna elezzjoni illi tat ir-riżultat illi sejjer jirrifletti r-rieda tal-Poplu tagħna.

Irrid nispiċċa biex nerġa' nwegħedkom illi l-ħsieb tiegħi huwa biss illi naqdi, inkun fidil għall-ġurament illi ħadt dalgħodu; fidil lejn il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna u fidil lejn il-ġurament li ħadt illi nagħmel biss dak li fil-kuxjenza tiegħi huwa fl-aħjar interess tal-poplu tagħna kollu. J'Alla jkollna l-għajnuna t'Alla fil-ħidma tagħna, għajnuna żgur illi m'hijiex sejra tonqos. B'hekk nistgħu niżguraw illi nkunu lkoll ulied din l-Art ħelwa l-Omm li tatna isimha — ilkoll aħwa Maltin.

Insellmilkom.



## L-ARĊISQOF IŻUR LILL-PRIM MINISTRU

L-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Ġużeppi Mercieca nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju għamel żjara ta' kortesija lill-Prim Ministru Eddie Fenech Adami fl-uffiċċju tiegħu f'Kastilja. Din iż-żjara kienet b'ħajr għal żjara li l-Prim Ministru, ftit wara li ħa l-ħatra, kien għamel lill-Arċisqof. Dak in-nhar Dott. Fenech Adami kien qal li ħass li kien dover tiegħu li jżur lill-Arċisqof u li l-Gvern il-ġdid kien se jagħti importanza lir-relazzjonijiet bejn Knisja u stat.

## MESSAĠĠ TAL-PRIM MINISTRU LILL-PAPA

**Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 1987 bagħat messaġġ ta' ferħ lill-Papa Gwanni Pawlu II fl-okkażjoni ta' għeluq is-67 sena tiegħu.**

Fil-messaġġ, il-Prim Ministru wassal ix-xewqat sbieħ tal-Gvern il-ġdid u tal-poplu Malti f'din l-okkażjoni. Hu awguralu saħħa, ħajja twila kif ukoll suċċess fix-xogħol appostoliku tiegħu.

Il-Prim Ministru assigura lill-Qdusija Tiegħu l-Papa li r-relazzjonijiet mal-Knisja se jkunu fi spirtu ta' kollaborazzjoni kif jixraq lil komunità kattolika. Flimkien, Stat u Knisja se jaħdmu biex jirranġaw inġustizzji u lejn it-tkabbir tal-paċi fid-dinja.

Fi tmiem il-messaġġ tiegħu, il-Prim Ministru f'isem il-poplu Malti, talab il-barka appostolika tal-Papa.

## IL-P.N. REBAĦ L-ELEZZJONI 1987

*(Ikompli minn paġna 1)*

Labour Party (M.L.P.), il-Partit Nazzjonalista (P.N.), il-Partit Demokratiku (P.D.M.), il-Partit Komunista (P.K.M.) u żewġ kandidati indipendenti.

Minn total ta' 238,378 voti eliġibbli, l-M.L.P. kiseb 114,937 (48.87%), il-P.N. kiseb 119,721 (50.91%), il-P.D.M. kiseb 380 (0.15%), il-P.K.M. 119 (0.05%) u ż-żewġ kandidati indipendenti flimkien kisbu 12-il vot (0.01%). Dawn kollha flimkien iġibu 235,169 voti validi. Ta' min jinnota li din kienet votazzjoni rekord ta' 96.11%.

Bi tħejjija għal din l-elezzjoni, il-Parlament Malti kien ġie xolt fl-14 ta' Frar 1987.

UNIVERSITY OF MALTA
IN LIBRARY

# IL-KABINETT



## L-Onor. GUIDO DE MARCO,

B.A., LL.D., M.P.

Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern
u Ġustizzja

Responsabbli għall-Affarijiet tal-Parlament, Qrati tal-Ġustizzja, Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, Pulizija, Sigurtà fl-Ajruport, Immigrazzjoni, Ħabs, Reġistru Pubbliku, Nutar tal-Gvern, Reġistru ta' l-Artijiet, Artijiet u Gvern Lokali.



## L-Onor. ĊENSU TABONE,

M.D., D.O.(Oxon), D.O.M.S.(Lond.), D.M.J., F.R.C.S.(Edin.), M.P.

Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

Responsabbli għall-Affarijiet tal-Commonwealth, Relazzjonijiet mal-Kommunità Ekonomika Ewropeja u ma' l-Istituzzjonijiet Internazzjonali, u Passaporti.



## L-Onor. UGO MIFSUD BONNICI,

B.A., LL.D., M.P.

Ministru ta' l-Edukazzjoni

Responsabbli għall-Kultura, Ambjent, Żgħażagħ, Xandir, Sport, Libreriji u Arkivji, Mużewijiet u Teatru Nazzjonali.



## L-Onor. LOUIS GALEA,

B.A., LL.D., M.P.

Ministru tal-Politika Soċjali

Responsabbli għas-Sigurtà Soċjali, Saħħa, Djar, Xogħol u Problemi tan-Nies Qegħda, Affarijiet tal-Familja, Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema, Relazzjonijiet Industrijali, Korpijiet tal-Ħaddiema, Kura ta' l-Anzjani u l-Benesseri tal-Pensjonanti.

## L-Onor. GEORGE BONELLO DUPUIS,

LL.D., M.P.

Ministru tal-Finanzi

Responsabbli għall-Uffiċċju tal-Budget, Uffiċċju ta' l-Accountant Ġenerali, Taxxi Interni, Verifika, Lottu Pubbliku, Bank Ċentrali, Computer Centre, Dwana, Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji.





## L-Onor. MICHAEL FALZON,

B.Arch., A. & C.E., M.P.

Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura

Responsabbli għax-Xogħlijiet Pubbliċi, Ilma, EneMalta, Telephones u Telekomunikazzjonijiet u Servizzi Postali.

## L-Onor. LAWRENCE GATT,

B.Arch., A. & C.E., M.P.

Ministru għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni

Responsabbli għall-Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta, Industriji Parastatali, Industrija tal-Manifattura u Esportazzjoni, Koperattivi, Agrikoltura, Sajd, Promozzjoni għall-Esportazzjoni u Kreditu, Xjenza u Politika għat-Teknoloġija.





## L-Onor. EMMANUEL BONNICI,

B.A., LL.D., M.P.

Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju

Responsabbli għat-Turiżmu, Importazzjoni u Kummerċ Intern, Assikurazzjoni, AirMalta, Sea Malta, Shipping, Portijiet, Kontroll tal-Prezzijiet u Protezzjoni tal-Konsumaturi.

## L-Onor. ANTON TABONE,

M.P.

Ministru għal Għawdex

Responsabbli għall-Affarijiet ta' Għawdex.



# SEGRETARJI PARLAMENTARI



L-Onor GEORGE HYZLER,
M.D., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politka Soċjali b'responsabbilità għas-Saħħa.



L-Onor. JOHN RIZZO NAUDI,
M.D., B.Sc., F.R.C.P., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali b'responsabbilità għall-Kura ta' l-Anzjani.



L-Onor. JOE CASSAR,
B.A., LL.D., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali b'responsabbilità għad-Djar.

## L-Onor. NINU ZAMMIT,
B.A. Arch., B.Arch.(Hons), A.&C.E., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura b'responsabbiltà għall-Ilma u l-Enerġija





## L-Onor. PIERRE MUSCAT,
M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura b'responsabbiltà għall-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet.

## L-Onor. JOHN DALLI,
F.C.C.A., C.P.A., M.B.I.M., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni b'responsabbiltà għall-Industrija.





L-Onor. MICHAEL REFALO,
B.A.(Hons), LL.D., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Iżvilupp Terzjarju b'responsabbilità għat-Turiżmu.



L-Onor. JOE FENECH,
B.A.(Hons), LL.D., M.P.

Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Iżvilupp Terzjarju b'responsabbilità għall-Affarijiet Marittimi.

## KAP TA' L-OPPOŻIZZJONI



L-Onor. KARMENU MIFSUD BONNICI,
B.A., LL.D., M.P.



Nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju fil-għodu folol kbar ta' Maltin inġabru fit-toroq tal-belt u quddiem il-Palazz tal-President biex isellmu lill-Prim Ministru l-ġdid Eddie Fenech Adami. Fir-ritratt il-Prim Ministru jidher fil-gallerija tal-palazz jirreċiproka t-tislim tal-folla.

UNIVERSITY OF MALTA

# IR-RIKONĊILJAZZJONI NAZZJONALI HI L-EWWEL XOGĦOL TAL-GVERN IL-ĠDID

## KONFERENZA STAMPA MILL-PRIM MINISTRU

**Il-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Avukat Eddie Fenech Adami, nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 1987 ta konferenza ta' l-aħbarijiet li fiha fisser il-politika tal-Gvern Malti, kemm dik lokali kif ukoll barranija. F'din il-konferenza ta' l-aħbarijiet li saret fil-kwartieri ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għaliha attendew ġurnalisti Maltin u barranin, il-Prim Ministru iddikjara mill-ewwel li hu kien qiegħed jitkellem bħala Kap tal-Partit.**

IL-MEXXEJ Nazzjonalista iddikjara li l-Gvern il-ġdid se jara li fil-pajjiż ikun hawn demokrazija sħiħa u li jkunu mħarsa d-drittjiet demokratiċi kollha ta' kull ċittadin. Hu qal li kemm jista' jkun il-Gvern se jfittex il-kunsens għal dak li jagħmel u rrimarka illi kieku ma kienx għall-emendi li saru fl-aħħar mumenti tal-legislatura li għaddiet, minkejja li l-Partit Nazzjonalista għal darb'oħra kiseb il-51 fil-mija tal-vot popolari, kien jerġa' jkollu nuqqas ta' siġġijiet fil-Parlament. Hu qal li dan kien jiġri minħabba t-tbagħbis li reġa' sar fid-distretti elettorali.

L-Avukat Fenech Adami qal li l-poplu wera l-ferħ tiegħu u ħareġ fit-toroq jiċċelebra għal lejl sħiħ mingħajr ma kien hemm inċidenti serji. Hu qal li l-fatt li l-poplu ġab ruħu sewwa hu sinjal tajjeb biex nibdew ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali.

Il-kap Nazzjonalista qal li l-ewwel xogħol tal-Gvern il-ġdid se jkun ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali. Hu fisser li fl-aħħar snin fil-pajjiż kien hawn firda kbira u wiegħed li se jagħmel ħiltu kollha biex mill-bidu net juri li l-Gvern immexxi minnu se jkun Gvern Malti mingħajr ebda aġġettiv ieħor li jikkwalifikah. Se jkun Gvern li jaħdem fl-aħjar interess tal-poplu Malti.

Il-Prim Ministru qal li kien ferħan bid-dikjarazzjonijiet li għamel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni Karmenu Mifsud Bonnici meta qal li kien ippreparat joffri l-koperazzjoni tiegħu lill-Gvern u li l-Partit tiegħu se jkun Oppożizzjoni leali. Dan hu li għandu jiġri f'demokrazija vera li biex l-affarijiet isiru sewwa, ikun hemm koperazzjoni bejn Gvern u Oppożizzjoni.

Mistoqsi jekk hemmx ħsieb li l-Perit Duminku Mintoff isir President tar-Repubblika, Fenech Adami qal li għalissa m'hemm xejn ippjanat dwar din il-kariga. Il-pajjiż għandu Aġent President,

*(Ikompli f'paġna 15)*



**Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami jindirizza konferenza stampa fil-kwartieri tal-Partit Nazzjonalista f'Tal-Pietà.**

# L-EBDA TRATTAT M'HU SE JITĦASSAR

*(Ikompli minn paġna 14)*

qal, filwaqt li żied li l-manifesti elettorali taż-żewġ partiti jgħidu li hu fl-interess tal-pajjiż li jkun hemm emendi fil-kostituzzjoni għal dak li jirrigwarda l-metodu ta' l-elezzjoni tal-President tar-Repubblika u l-funzjonijiet u l-poteri li għandu jkollu.

Il-Partit Nazzjonalista jħoss li l-President m'għandux ikun elett b'maġġoranza sempliċi fil-Parlament iżda għandu jgawdi appoġġ aktar wiesgħa. Il-Presidenza tal-pajjiż għandha tkun fattur li tgħaqqad lill-pajjiż. Għalhekk hemm bżonn li l-Kostituzzjoni tkun emendata u fl-aħħar xhur kien hemm diskussjonijiet u ntlaħaq ftehim mal-Perit Mintoff dwar poteri ġodda għall-President.

Il-President madankollu, m'għandux ikollu poteri eżekuttivi. Il-poteri diskrezzjonali li llum huma eżerċitati mill-Prim Ministru, il-Partit Nazzjonalista jħoss li jista' jeżerċithom aħjar il-President fl-interess tan-nazzjon.

## FIŻ-ŻEJTUN

Għal mistoqsija oħra dwar hemmx ikkunsidrati passi legali dwar dak li ġara fiż-Żejtun waqt il-votazzjoni tas-Sibt 9 ta' Mejju 1987, il-Prim Ministru qal li jidher ċar li fiż-Żejtun kien hemm "corrupt practice" bi ksur tal-liġi u kulħadd f'Malta hu suġġett għal-liġi. Għalhekk meta jsiru l-investigazzjonijiet, min jinstab ħati li kiser il-liġi jittieħdu passi kontrih.

Għal mistoqsija oħra li għamlulu l-ġurnalisti, il-Prim Ministru Fenech Adami qal li Malta trid taqbad direzzjoni ġdida fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali u se tfittex rabta aktar mill-qrib mal-Kommunità Ewropea u eventwalment, jekk tikseb il-kundizzjonijiet xierqa, tidħol membru sħiħ tal-Kommunità.

## TRATTATI

Hu qal li Malta trid iżżomm rabtiet ta' ħbiberija mal-pajjiżi kollha speċjalment dawk ġirien tagħha u partikolarment mal-Libja. Imma bil-Gvern il-ġdid, il-pajjiż mhux se jagħti l-impressjoni li l-politika barranija tiegħu hi identifikabbli ma' dik tal-Libja. Malta, qal, trid tkun kburija bil-politika barranija indipendenti tagħha.

Rigward it-trattati li Malta għandha mal-Libja u mar-Russja, il-mexxej tan-nazzjon qal li ma jħossx li hemm bżonn li dawn ikunu mħassra. Il-Partit Nazzjonalista diġà iddikjara pubblikament, u l-Libjani dan jafuh, li jrid koperazzjoni mal-Libja għax dan hu għall-vantaġġ taż-żewġ pajjiżi. Dwar il-ftehim ma' l-Unjoni Sovjetika, il-Partit Nazzjonalista kien ikkritika dik il-klawsola li tgħid li f'każ ta' theddida għas-sigurtà internazzjonali ż-żewġ pajjiżi għandhom jikkordinaw il-ħidma tagħhom. Dan, qal il-Prim Ministru, imur kontra l-prinċipju tan-newtralità mħaddan mill-Gvern li spiċċa. F'dan is-sens, il-Gvern il-ġdid jirranġa dan il-ftehim. Mill-bqija l-Partit Nazzjonalista jrid ukoll koperazzjoni mar-Russsi.

Il-Prim Ministru Fenech Adami tkellem ukoll fuq it-trattat bejn Malta u l-Italja u qal li l-Partit Nazzjonalista kien kritiku għal parti minn dan it-trattat għax iħoss li ma jipprovdix biżżejjed sigurtà lil Malta f'każ ta' bżonn. Hu qal li l-Italja għandha timpenja ruħha aktar flimkien ma' Gvernijiet Ewropej oħra biex tagħti sigurtà lil Malta f'każ ta' bżonn. Is-sigurtà ta' Malta għandha tkun garantita minn pajjiżi Ewropej ħbieb li jistgħu u għandhom interess li jagħtu din l-għajnuna.

Il-Prim Ministru Fenech Adami tkellem ukoll fuq trattati militari. Hu qal li dawk li jkunu jipprovdu għas-sigurtà ta' Malta, isiru iżda dawn għandhom jeskludu kull preżenza ta' bażijiet militari barranin f'Malta għax dan imur kontra l-Kostituzzjoni. Hu qal li l-Gvern il-ġdid josserva l-Kostituzzjoni kollha kemm hi. Hu żied igħid li l-Gvern il-ġdid għandu wkoll fil-pjani tiegħu t-titjib fir-relazzjonijiet ma' l-Istati Uniti.

Il-mexxej tal-Partit Nazzjonalista tkellem imbagħad fuq il-proċess elettorali u qal li l-arranġamenti għas-sigurtà f'Ħal Far kienu tajba, iżda f'ċirkostanzi normali m'għandux ikun hemm ħtieġa ta' tant pulizija armati. Hu wiegħed li għal li ġej dan il-proċess jerġa' jsir kif kien fl-imgħoddi: wieħed miftuħ biex il-poplu jkun jista' jsegwi aktar mill-qrib.

## RELAZZJONIJIET

Hu wera wkoll sodisfazzjon għall-proċess tal-passaġġ tal-poter minn partit għall-ieħor u irringrazzja lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni Karmenu Mifsud Bonnici għal dan u għar-relazzjonijiet tajba li kien hemm bejn iż-żewġ partiti fl-aħħar ftit ġimgħat li għenu biex kollox isir bil-kwiet. Il-Prim Ministru irringrazzja lil Karmenu Mifsud Bonnici wkoll talli nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju, qabel ma kien magħruf ir-riżultat elettorali, aċċetta li jidher miegħu fuq it-television biex jappellaw lill-partitarji rispettivi għall-kalma.

Il-Prim Ministru l-Avukat Fenech Adami kien akkumpanjat f'din il-konferenza ta' l-aħbarijiet mill-Viċi-Kap tal-Partit l-Avukat Guido de Marco, il-President tal-Kunsill Ġenerali Ugo Mifsud Bonnici, is-Segretarju Ġenerali l-Avukat Louis Galea u minn għadd ta' Deputati u kandidati Nazzjonalisti.



L-Għaxar Ministri li jiffurmaw il-Kabinett Nazzjonalista flimkien ma' 8 Segretarji Parlamentari nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 1987, fis-1.30 a.m., ingħataw il-ġurament tal-kariga u l-ġurament ta' lealtà lejn il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta minn idejn l-Aġent President tar-Repubblika s-Sur Paul Xuereb. Fir-ritratt il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jidhru flimkien ma' l-Aġent President wara li ħadu l-ġurament fil-Palazz ta' San Anton.

MAHRUĠ MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – MITBUGĦ FL-ISTAMPERIJA TAL-GVERN.